

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2300****tat-8 ta' Diċembru 2015****dwar il-pagament fil-munita euro mir-Renju Unit ta' ċertu nfiq li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali***(notifikata bid-dokument C(2015) 8576)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 108 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jesiġi li l-Istati Membri li ma jkunux adottaw il-munita Euro u li jiddeċiedu li jħallsu l-infiq li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali fil-munita euro minflok fil-munita nazzjonali tagħhom, għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-użu tal-munita euro ma joħloqx vantaġġ sistematiku meta mqabbel mal-użu tal-munita nazzjonali.
- (2) Preċedentement, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1352 <sup>(2)</sup> kienet tapprova tali miżuri kkomunikati mir-Renju Unit.
- (3) Fit-30 ta' Ottubru 2015, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tiegħu li jżid in-numru ta' miżuri li skonhom ikun jista' jħallas l-infiq fil-munita Euro minflok fliri sterlini, kif ukoll il-miżuri li għandhom jiġu applikati skont l-Artikolu 108 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 biex jiġi żgurat li l-użu tal-munita Euro minflok il-lira sterlina ma jwassalx għall-ħolqien ta' xi vantaġġ sistematiku.
- (4) Fil-qosor, dawn huma l-miżuri ppjanati mir-Renju Unit:
  - l-operaturi jistgħu jitħallsu fil-munita Euro dawk l-ammonti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jew li jirriżultaw minnha,
  - l-operaturi għandhom jassumu r-riskju kollu tar-rata tal-kambju li jirriżulta mill-konverżjoni sussegwenti fliri sterlini,
  - l-operaturi għandhom jassumu impenn kontinwu għal minimu ta' sena,
  - fir-rigward tal-pagament bażiku u tal-pagamenti diretti oħra kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, l-operaturi għandhom jagħżlu li jħallsu fil-munita Euro meta jressqu l-applikazzjoni tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 <sup>(4)</sup>,
  - fir-rigward tal-miżuri tas-suq adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 <sup>(6)</sup> (għajr għajnuna temporanja eċċezzjonali

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1352 tat-30 ta' Lulju 2015 dwar il-pagament fil-munita Euro mir-Renju Unit ta' ċertu nfiq li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali (ĠU L 208, 5.8.2015, p. 33).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 69).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

lill-bdiewa fis-setturi tal-bhejjem), u r-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, l-operaturi għandhom ikunu ġew approvati mill-inqas tliet xhur minn qabel sabiex jirċievu l-pagamenti fil-munita Euro; l-operaturi għandhom jinnotifikaw tliet xhur minn qabel l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw minn dan l-arranġament; imbagħad, pagamenti ġodda fil-munita Euro jkunu possibbli biss wara perjodu ta' stennija ta' sena,

— fir-rigward tal-għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-bhejjem skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1853 <sup>(3)</sup>, l-operaturi għandhom ikunu għażlu li jirċievu l-pagamenti tal-PAK fil-munita Euro qabel is-17 ta' Ottubru 2015.

- (5) Dawn il-miżuri huma f'konformità mal-għan stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jiġifieri biex jevitaw il-ħolqien ta' xi vantaġġ sistematiku li jirriżulta mill-użu tal-munita Euro minflok il-munita nazzjonali. Għaldaqstant, dawn il-miżuri għandhom jiġu approvati.
- (6) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1352 għandha titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-miżuri kkomunikati mir-Renju Unit fit-30 ta' Ottubru 2015 fir-rigward tal-pagament fil-munita Euro ta' nfiq li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni agrikola settorjali elenkati fl-Anness u, fejn applikabbli, kwalunkwe att ta' delega jew ta' implimentazzjoni adottat abbażi ta' dawk l-istrumenti huma b'dan approvati.

#### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1352 hija mħassra.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Phil HOGAN  
*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1853 tal-15 ta' Ottubru 2015 li jipprevedi għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-bhejjem (ĠU L 271, 16.10.2015, p. 25).

## ANNEX

**Miżuri espressi u pagabbli fil-munita euro**

Skema	Regolament
Skemi ta' Pagament Dirett	Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013
Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fir-rigward ta' prodotti agrikoli	Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014
Xiri sfurzati taċ-ċanga	Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013
Xiri sfurzati taċ-ċereali	Ir-Regolament (UE) Nru 1370/2013
Xiri sfurzati tal-butir	
Xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat	
Għajnuna għall-ħżin privat taċ-ċanga	
Għajnuna għall-ħżin privat tal-butir	
Għajnuna għall-ħżin privat tal-ġobon	
Għajnuna għall-ħżin privat tal-fibra tal-kittien	
Għajnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa	
Għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tal-majjal	
Għajnuna għall-ħżin privat tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż	
Għajnuna għall-ħżin privat tat-trab tal-ħalib xkumat	
Għajnuna għall-ħżin privat taz-zokkor abjad	
Għajnuna għall-provvista tal-ħalib u prodotti tal-ħalib lit-tfal	
Rifużjonijiet tal-esportazzjoni	
Rifużjonijiet tal-esportazzjoni għal prodotti agrikoli pproċessati u oġġetti li mhumiex elenkati fl-Anness I tat-TFUE	Ir-Regolament (UE) Nru 510/2014 Ir-Regolament (UE) Nru 1370/2013
Għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-bhejjem	Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1853